


SANTA KATERINA D'ALESSANDRIA

25 TA' NOVEMBRU


Guido Reni, S. Caterina d'Alessandria, XVII sec., Museo del Prado, Madrid

Ftit nafu fuq Santa Katerina, biss il-kult taghha kien mifrux ma' l-Ewropa kollha u anke l-letteratura popolari u l-folklor kienu influwenzati hafna minhabba l-qima lejha.

Kienet tfajla sabieha Kristjana, bint in-nobbli u tghix f'Alessandrija fl-Egittu.

Hawnhekk, fl-305, wasal Maximinus Daia, mahtur gvernatur tal-Egittu u s-Sirja (li kien se jiddikjara lilu nnifsu "Augustus", jigifieri imperatur, fl-307, u miet b'suwicidju fl-313). Festi grandjuzi gew

iccelebrati ghal din l-okkazjoni, li jinkludu wkoll is-sagrificcji ta' annimali lill-allat pagani.

Kien att obbligatorju ghal kull cittadin, u ghalhekk ukoll ghall-Kristjani, li kienu ghadhom jigu persegwitati. Katarina tipprezenta ruhha lil Maximinus, tistiednu jirrikonoxxi lil Gesù Kristu bhala r-redentur tal-umanità, u tirrifjuta s-sagrificcju.

Maximinus imbaghad isejjah grupp ta' intellettwali Alessandrini biex jikkonvincuha tqim lill-allat. Imma minflok, hija Katarina li tikkonvincihom biex isiru Kristjani. Din il-konverzjoni taghhom kienet il-kagun li Maximinus joqtolhom kollha. Sejjah mill-gdid li Katarina u pproponilha z-zwieg izda hija rrifjutat. Kien hawn li allura Maximinus ikkundannaha ghall-martirju tar-rota, izda Katarina missitha u din tfarrket.

Ghaddiha minn hafna torturi, imma il-qaddisa irnexxilha li tehles mill-mewt u ssalva mirakolozament.

Fl-ahhar ordna li tinqatalha rasha.

Jinghad li l-angli b'mod mirakoluz garrew il-gisem taghha minn Alessandrija sas-Sinai fejn sal-lum il-post ghadu jissajjah Gebel Katerin.

Fis-sitt seklu l-imperatur Justinjanu ordna li jimbena monasteru ghall-gieh taghha. Ghadu jezisti sal-lum u huwa wiehed mill-eqdem fid-dinja.